*Karattri*

*Salvatore Sammut*

# JOHN C. FRIGGIERI



Din id-darba l-karattru li jmiss nitkellem fuqu mhux biss se nfaħħruh, imma wkoll nirringrazzjawh. Din id-darba din il-gazzetta taf sew lil dan ir-ritratt. Is-sehem li kellu għal din il-gazzetta għamlitu popolari, kabbarha, għamilha informattiva u fuq kollox sebbaħha bil-pinna tiegħu.

F'din il-ħarġa l-pinna mhix aktar f'idejh, biex jirrakkonta fuq il-karta, xi sunett, xi poeżija jew storja. Illum il-pinna qed tiżfen fuq il-karta sinfonija; sinfonija, li warajha ġġib l-isem: John C. Friggieri.

Kien personaġġ ta' statura żgħira, imma ġgant fl-ideat tiegħu, librerija ta' informazzjoni. Kont tistħi tkellmu, aktar u aktar targumenta miegħu. Quddiemu kien jaqbillek tisma' biss.

John kien iben Joseph u Mary Spiteri. Twieled il-Furjana fis-27 ta' April 1915 minn familja numeruża; ħutu kienu: Joseph, Frank, Salvatore, Emanuel, Carmela, M.Stella, Anthony u Vincent.

John iżżewweġ lil Mary Cachia fl-14 ta' Frar 1945. Kellhom erba' wlied: Joe, Donald, Albert u M. Louise. Wara li attenda l-iskola primarja tal-Furjana kompla l-istudji tiegħu f'St. Albert Central School, il-Belt. Wara attenda d-Dockyard Technical College, fi żmien meta d-Dockyard kienet f'idejn l-Ammiraljat. L-ewwel xogħol tiegħu kien bħala store-keeper fir-Royal Naval Accademy, bejn is-snin 1931 u 35. Hawn għamel il-kors kollu u laħaq skrivan u fis-sena 1964 kien appuntat Segretarju tas-Supraintendent tal-Ammiraljat. Dam f'din il-kariga sa ma rtira, bl-unuri kollha, fis-sena 1975.

John, minn żogħżitu, kien midħla ta' Ħal Lija. Kien jiġi mal-ġenituri tiegħu darbtejn fix-xahar. Lil Triq Sant'Andrija kien jafha sew. Kellu oħtu li kienet għarusa lil Nazzareno Falzon, iben Salvu u Vitor Falzon (tas-Sajfija). Il-familja Falzon kienu joqogħdu fejn qabel kien joqgħod Dun Salv Sammut. Minn ċkejken kellu ġibda lejn din it-triq, lejn Ħal Lija, u ma jonqosx, lejn is-Salvatur.

Minn mindu għamel daru fostna, kien ġie mfittex minn irġiel dilettanti tal-ballun u talbuh jgħinhom jibnu tim tajjeb, kompetittiv. Kien ġej mill-Furjana, kunjomu Friggieri, u f'dak iż-żmien dan it-tim tal-football kien f'l-aqwa tiegħu, bl-aħjar players li toffri l-logħba, fosthom wieħed kunjomu Friggieri (iż-Żibġa), li kien imfittex minn kull tim. Dan kien wieħed mill-aqwa players f'Malta. Riedu wkoll li l-klabb ikun immexxi bis-serjeta' u bl-ordni.

Illum ngħid li dawn kienu għamlu għażla stupenda u ntelliġenti. Is-Sur Friggieri mexxa l-Klabb u t-tim b'ċerta serjeta' u ntegrita', u għal daqshekk illum igawdu stima u rispett minn ħafna.

John irnexxielu jgħaqqad it-timijiet sat-tielet diviżjoni, fejn kien dak iż-żmien it-tim ta' Ħal Lija.

Għall-ewwel darba dan l-Istanding Committee kellu rappreżentant fil-Kunsill tal-M.F.A. u għadu jgawdi l-ideat li kien ħareġ biha John. Meta rtira mill-Kumitat, xorta baqa' jsegwih u fl-okkażjoni ta' xi promozzjoni konna nistiednuh. Kien jattendi u jiġi jistaqsina x'kien qed isir għall-futur. Kien jitbissem u jemozzjona ruħu. Kien ikun grat lejn it-tim ta' Ħal Lija u jgħid li l-klabb tal-football ma jinsieh qatt.

John Friggieri kien membru ta' bosta kumitati oħra. Kellu sehem fit-twaqqif tal-Fergħa tal-Malta Playing Fields Association u t-tagħmir tagħha f'Ħal Lija. Kien ukoll fundatur tal-Kumitat Ċiviku ta' Ħal Lija flimkien ma' Dr. Nazzareno Azzopardi u s-Sur Mario Agius.

Dam għal 20 sena president tal-Għaqda Letterarja Maltija, edutur tal-magazine "Forum", ipproduċa bosta programmi għax-xandir ta' dak iż-żmien, ir-Redifusion, l-aktar fil-programm segwit ħafna "Mill-Ġnejna Maltija". Uħud mill-kitbiet li baqa' magħruf ħafna għalihom kienu: "X'tistenna l-Knisja mill-ġenituri Nsara" (1962), "Daħk b-Irħis" (1979), "Daqqu l-Ħdax" (1982). Ittraduċa l-kitba ta' A.E. Wilson, "F'idejn Tiberju" (1970) u Tradiment (1987). Madankollu qatt ma naqsu l-kitbiet tiegħu fuq Ħal Lija, dwar is-Salvatur u l-Festa, li tant kien iħobb. Fil-kitbiet tiegħu kien jinkludi ċ-ċajt u l-umoriżmu.

John C. Friggfieri baqa' jipproduċi dan kollu sa kważi meta miet, fit-8 ta' Novembru 2007, fl-eta' sabiħa ta' 92 sena.

Il-kitbiet tiegħu ma jispiċċaw qatt. It-tifkiriet tiegħu għadhom jinżammu sodi, biex bħal kolonna tista' sserraħ magħha. Aħna obbligati ħafna lejn il-wirt kulturali li ħallielna.

John, il-qarrejja tiegħek qed jgħidulek 'grazzi' . Din il-gazzetta, li inti kont tant tħobb u tant tajt sehemek għaliha, issellimlek.

Grazzi ta' kemm għollejt isem is-Salvatur, isem Ħal Lija, isem il-klabb tal-football. Il-finger prints tiegħek se jibqgħu jidhru fil-bosta għaqdiet tar-Raħal tagħna biex ifakkruna fik.

Nibqgħu ngħożżu l-ħidma kollha li wettaqt f'ħajtek bħala iben den ta' Ħal Lija.